*F'San Ġiljan għandna erba' statwi prinċipali, li minnhom tlieta joħorġu f'purċissjoni u waħda le. Dik li ma toħroġx hija ta' San Ġużepp. Fl-imgħoddi l-istorja kienet mod ieħor kif jixhed wieħed mir-ritratti li qed inġibu hawnhekk bil-knisja armata sew għall-festa ta' San Ġużepp. Dan il-qaddis kellu wkoll il-fratellanza tiegħu li dwarha dan l-awtur tana dan it-tagħrif interessanti. Wieħed jispira ruħu biex ifittex aktar dwar il-kult ta' dan il-qaddis fil-parroċċa tagħna u jara x'jista' jsalva minnu.*

# Il-Fratellanza ta' San Ġużepp

JIKTEB **MANUEL SAID**

Ir-raħal ta' San Ġiljan hu wieħed mill-irħula ġodda tal-gżejjer Maltin, pjuttost għadu qed isib saqajh. Minkejja dan, l-elementi storiċi ma jonqsux, li għalkemm limitati jħallu l-marka tagħhom. Nistgħu ngħidu li dan ir-raħal li jġib l-istess isem il-qaddis patrun tiegħu huwa xhud ta' l-impronta ta' l-iżvilupp enormi li ħalla s-seklu għoxrin f'din il-parti ta' pajjizna. Il-progress li għalih San Ġiljan ma kienx eċċezzjoni, infiltra f'kull qasam, inkluż dak reliġjuż, b'mod partikulari il-paroċċa nfisha fil-bidu ta' l-eżistensa tagħha, t-tfulija u l-ewwel snin sakemm saret f'parroċċa matura b'komunita attiva. Matul iż-żmien f'kull komunita parrokkjali jibdew jissawru mħabbiet partikulari u devozzjonijiet li ħafna drabi huma ż-żerriegħa ta' kult u tradizzjoni. Fil-parroċċa Ġiljaniża nsibu li dan seħħ fid-devozzjoni lejn San Gużepp, li għalkemm mhix qawwija u battiet ħafna maż-żmien, kienet biżżejjed biex influwenzat l-istorja ta' din il-parroċċa.

Il-bidu ta' din id-devozzjoni Ġużeppina jmur lura fis-snin lejn l-istess żmien tat-twaqqif ta' din il-parroċċa, li seħħ fl-1891. Kien l-ewwel kappillan tar-raħal, il-Karkariz Dun Guzepp Xerri li xettel din id-devozzjoni, forsi għal tlitt raġunijiet. Dak iż-żmien fil-Knisja Kattolika l-irwol ta' San Ġużepp kien qiegħed joħroġ ħafna fil-beraħ, b'mod partikulari fi żmien Dun Ġużepp stess meta il-Beatu Papa Piju IX, nhar l-Immakulata Kunċizzjoni, 8 ta' Diċembru 1870, ipproklama lir-raġel ġust ta' Marija bħala l-protettur tal-knisja universali. Is-suċċessur ta' Piju IX, il-qsajjar fl-istatura imma ġgant fil-għerf, Papa Ljun XIII sentejn biss qabel it-twaqqif tal-parroċċa ta' San Ġiljan, nhar l-Assunta fil-15 t'Awissu 1889, ippubblika l-unika enċiklika dwar San Guzepp, bl-isem ta' *Quamquam Pluries*. L-enċiklika hija sejħa lill-insara biex ipoġġu lill-Knisja Kattolika taħt il-ħarsien ta' dan il-qaddis, fil-mumenti iebsa li kienet għaddejja minnhom. Raġuni oħra għaliex Dun Ġużepp kien iħobb lill-Mastrudaxxa ta' Nazaret kienet li San Ġużepp hu l-qaddis li kien imsemmi għalih. Ma' dan wieħed iżid li minħabba li kien Karkariż fejn insibu fratellanza Ġużeppina li tmur lura lejn is-sena 1804[1] u li fi żmien Dun Ġużepp kienet attiva ħafna, b'hekk kibret f'qalbu l-imħabba lejn dan il-qaddis. Fi żmien il-parrokkat qasir tiegħu Dun Ġużepp kabbar il-knisja l-antika ta' San Ġiljan u żied l-altari laterali. Sforz id-devozzjoni ġenwina li hu kellu lejn San Ġużepp kien naturali li wieħed mill-altari l-godda jigi ddedikat lil dan il-qaddis, filwaqt li ġie mżejjen b'pittura li turi lil San Ġużepp bil-Bambin f'idu, ta' l-artist Salvatore Barbara li tpittret fl-1894, li għalkemm mhix ta' livell artistiku, xorta tixhed id-devozzjoni Ġużeppina f'San Ġiljan. L-għeruq ta' l-imħabba li Dun Ġużepp kien jippossjedi lejn il-patrijarka ta' Nazaret kienu tant fondi, li lanqas nesa lil dan il-qaddis fit-testment tiegħu li sar quddiem in-nutar Mikiel Lwigi Casolani nhar l-4 t' Ottubru 1896. F'dan it-testment insibu li Dun Ġużepp ħalla żewġ liri fis-sena, li għal dak iż-żmien kienet somma sostanzjali, biex permezz tagħhom tiġi ċċelebrata il-festa tal-patroċinju ta' San Ġużepp, festa li llum tneħħiet mill-kalendarju liturġiku, u li kienet tiġi ċċelebrata nhar it-tielet Ħadd ta' l-Għid[2]. F'din il-festa f'San Ġiljan kellha tigi ċċelebrata quddiesa kantata bil-paniġierku.

Dan il-kult Ġużeppin tant kiber li f'San Giljan kellha tit-waqqaf fratellanza lil dan il-qaddis[3]. Il-Fratellanza ta' San Ġużepp ma kinitx l-ewwel waħda f'dan ir-raħal, għaliex qabilha nsibu dik tas-Sagrament u l-Fratellanza tar-Rużarju. Kien fi żmien ir-raba' kappillan li kien Dun Amabile Bonanno, u li mexxa lil Parroċċa ta' San Ġiljan għal 34 sena sħaħ, fl-ewwel nofs tas-seklu għoxrin, mill-1908 sal-1942, li twaqqfet din il-Fratellanza. Dun Amabile kien minn Ħaż-Żebbuġ, fejn nafu x'kult qawwi Ġużeppin jinsab ġo dan ir-raħal, fil-fatt insibu Fratellanza Ġużeppina tmur lura sal-1740[4]. Xi ftit jew wisq il-kappillan Bonanno kien influwenzat min dan l-ispirtu Ġużeppin. Din il-Fratellanza twaqqfet fis-snin tletin, fl-1932 din kienet waslet biex tibda tiffunzjona, biex hekk tkun l-aħħar Fratellanza ta' San Ġużepp, minn fost is-sitta u għoxrin li kien hawn jew għad hawn fil-gżejjer Maltin, bl-ewwel waħda dik tar-Rabat ta' Malta li tmur lura lejn is-sena

1508[5]. Ma' din il-Fratellanza kien ippjanat ukoll li ssir statwa ta' San Ġużepp, li fil-fatt saret aktar tard fiż-żmien il-ħames kappillan ta' San Giljan li kien Karkariz ieħor, Dun Anton Debono li mexxa l-parroċċa bejn is-snin 1943 u l-1952[6].

Maż-żmien din il-fratellanza mal-kult Ġużeppin f'San Ġiljan bħal oħrajn li ma sabux min ikompli jmexxihom 'il quddiem u jiżviluppawhom spiċċaw tmewtu u saru biss parti mill-istorja tal-Knisja Maltija, wieħed mill-fatturi kien li l-missjoni soċjali li kienu qegħdin jaqdu, bħala rappreżentanza ta' snajja differenti, bdew jeħduha l-*Unions*, u kull ma baqgħu kienu gruppi li jxerrdu d-devozzjoni lejn il-qaddis partikolari u jakkumpanjaw fil-purcissjonijiet, ħafna drabi membri li m' humiex fratelli imma biss għall-qligħ tal-flus. Fattur ieħor kien li ġie maħsub li l-Fratellanzi kien għadda żmienhom, b'mod partikulari f'dawk l-irħula li fil-bidu tas-seklu għoxrin kienu qegħdin jiżviluppaw, każijiet simili għal Fratellanza Ġużeppina f'San Ġiljan huma l-Fratellanzi Ġużeppini f'San Pawl il-Baħar u fl-Imsida, minkejja li din ta' l-aħħar kienet tinsab f'parrocca ddedikata lil San Ġużepp. Minkejja kollox jibqa l-fatt li l-paroċċa ta' San Ġiljan hi waħda minn dawk il-ħafna parroċċi li tul l-istorja tagħhom kienu mmarkati bil-preżenza Ġużeppina u d-devozzjoni popolari lejh.


RIFERENZI

1 Winston Zammit, *Birkirkara fis-Seklu XIX*, Malta. 1995 73-75.

2 Alexander Bonnici,*L-Isla fi Grajjiet il-Bazilika Santwarju ta' Marija Bambina. Vol III* Reliġjon u Ħajja, Malta 1991.

3 Alexander Bonnici, "Il-Vici Parroca u l-Parrocca ta' San Giljan 1849-1942", f' *San Giljan Mitt Sena Parrocca 1891-1991*. Għaxaq Malta, 1992, 149-181.

4 Alfred Delmar, "Festa ta' San Guzepp f' Haz-Żebbuġ" ,f' Programm tal-Festa San Ġużepp Żebbuġ 1997 81-84.

5 Ħajr għat-taghrif mogħti minn Anthony Casha, segretarju ta' din l-Arcikonfraternita'.

6 Karm Calleja, "Il-Kappillani Dun Anton Debono u Dun Philip Grech", f' *San Giljan Mitt Sena Parrocca 1891-1991*. Għaxaq Malta, 1992, 215-224.




***San Ġużepp armat għall-festa fil-knisja ta' Lapsi***